# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 6**

**Avviz numru 1178/00/SM**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Jean Paul Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u disghin liri Maltin u sebgha u sebghin centemzi (LM291.77,0), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-10 ta' Novembru 1998 sal-10 ta' April 2000;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**